Dan il-verb Għarbi hu *trux*, "abb", u fit-tifsir sekondarju tiegħu mogħti minn Kazimirski jidher li għandu xi affinitajiet mal-verb trux l-ieħor "ħabb, iħobb". (Għalhekk għedt aktar fuq li l-etimoloġija mogħtija minn Aquilina hi l-'aktar lezzjoni etimoloġika xjentifika u loġika'!).

Għaliex mhux dan il-veru nisel tal-Malti "abba"? Imma, jekk inhu hekk, kif żdiedet fil-Malti l-"a" ta' l-aħħar, meta aħna fil-verbi torox (bħal "ħabb", "sarr", "ħall") ma nagħtuhiex?

Il-fehma tiegħi hi li din il-kelma "abb", marbuta fuq kollox ma' nom, u b'mod partikulari mal-kelma "wejda" bħala l-oġġett tal-verb, għandha marbut magħha s-suffiss pronominali tal-femminil, jiġifieri l-partiċella "-ha" fejn l-"h" aspirata ma tinstamax. Il-verb "abb" b'hekk isir "abbha" (kif imissha tinkiteb il-kelma fil-frażi Maltija) bħalkieku trid tfisser "ġibha, newwilha"; u l-frażi sħiħa "abbha l-wejda" trid tfisser "agħtini l-id ċkejkna tiegħek".

Għalhekk "jabbi" ma tingħadx u ma teżistix! Għalhekk "nabbak" ta' Caruana hi kelma mibnija fuq il-fantasija u ma għandha ebda ħajt ta' kenn xi jwettaqha!

F'din is-sura u b'dan it-tifsir ewlieni tal-frażi Maltija, tidher ċara u loġika r-rabta tal-Malti mal-Għarbi ta' Barberija mogħti minn Beaussier: "Abbha l-wejda, ruħi" jiġifieri, "Agħtini idek, ċkejken tagħna, ħalli nżommok, ħalli nbusħielek, eċċ." U minn hawn sata' daħal ukoll loġikament it-tifsir sekondarju, imwettaq minn Kazimirski, ta' "mħabba, affezzjoni u bews", li l-kompilaturi tad-dizzjunarji tagħna, fil-każ ta' kelma ftit użata, taw bħala ewlieni fil-waqt li mhux!

## KORRISPONDENZA

Ir-Reverend Patri Valentin Barbara bagħtilna din l-ittra:

Għażiż Prof. Galea,

Kurżità! . . . Qatt waqagħlek f'rasek minn fejn ġie l-isem "Sant'Jiermu"? (jew St. Elmo). Kif taf int, il-forti tagħna nbena qabel żmien il-Kavalieri, fi żmien il-Kastiljani, hux tassew? U St. Elmo hu sewwa sew isem Spanjol. Aħna d-Dumnikani għandna Beatu, il-Beatu Pietru Gonzales, li f'ħajtu wettaq appostolat kbir fost il-baħħara. Dawn, wara mewtu, nisslu qima kbira lejh u bdew isejħulu bl-isem ta' San Telmo, u hekk baqa' magħruf fi Spanja kollha, fejn hu meqjus bħala Patrun tal-baħħara.

Kont ili ħafna biex nibgħathielek din it-tagħrifa, fil-każ li qatt ma ltqajt magħha. Għandha mnejn tiswielek; le?

Saħħiet.

Dejjem tiegħek,
P. VALENTIN, O.P.

Birgu, 30/4/68.



# ŻMIEN MODERN

*Ta'* TREVOR ZAHRA

Nixtieq immur x'imkien
Fejn ninsa d-dinja
Għaġġiela, ta' madwari,
Ninsa s-seklu għoxrin,
X'imkien imwarrab fejn daż-żmien qerriedi
Għad ma firixx ġwenħajh fuq il-bnedmin!

Fejn? Għiduli fejn se nsibu
Dan il-qgħad ta' Sliema.
Mort f'xatt il-baħar,
Fejn dari kien hemm hena tas-smewwiet,
Għajat maħnuq, u daqq ta' radjijiet.

Mort qalb ir-raba'...
U fittixtu ż-żiemel
Ikarkar il-moħriet mas-sid,
U flokku sibt muturi kollha ħsejjes:
"Għax dan hu żmien modern —
Dan seklu ġdid!"

U tlajt fuq l-ogħla għolja
Biex hemm ninqata' mill-"modern"
U nfittex is-serħan:
Iżda fuq rasi — donnu biex tisboqni,
Għaddia t-teħdida jkarwat l-ajruplan.

Fejn? Fejn se nsibu dan l-imkien ta' Sliema?
"Fil-Mewt!"
Le, lanqas fil-mewt ma neħles
Mill-moderniżmu tal-bnedmin,
Għax flok jeħduni f'qabri b'erba żwiemel
Jeħduni ġo karozza ġdida tal-mejtin.

* * *

Is-Sur Pawl Aquilina, li joqgħod "Massabielle", Dr. Nicola Zammit St., Siġġiewi, kitbilna hekk:

"Fil-kollezzjoni tal-150 ktieb tal-Mogħdija taż-Żmien ta' Alfons Maria Galea, jonqsuni dawn in-numri ta' kotba li nixtieq nixtri jew nibdel mad-duplikati li għandi:

Jonqsuni: 8, 11, 45, 82, 89, 133, 143, 144, 145.
Duplikati: 25, 26, 33, 36, 37, 50, 52, 57, 58, 70, 79, 85, 94, 102, 105 (2).
Min hu interessat jiktiblu fl-indirizz imsemmi hawn fuq.